MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1547/2001/1

**Grace u Giovanna ahwa Baldacchino**

**vs**

**Giuseppi Baldacchino,**
**Francesca mart Kenneth Bartolo**
**u**
**Sylvia mart Igino Xuereb**

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fid-19 ta' Settembru, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettew;

1. Illi in forza tat-testment maghmul *"unica charta"* mill-genituri tal-atturi u l-konvenut Giuseppi

Baldacchino, li jigu n-nanniet materni taz-zewg konvenuti l-ohra, fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tal-21 ta’ Gunju 1985 – li kopja tieghu tinsab annessa bhala Dokument `A’ – it-testaturi Sinforiano u Vincenza konjugi Baldacchino hallew b’titolu ta’ prelegat in piena u assoluta proprjeta’ lill-istess atturi Giovanna, sive Joan, u Grace ahwa Baldacchino fi kwoti ugwali bejniethom id-dar bir-remissa annessa u kantina li jgibu n-numri 103 u 104 Main Street Gudja flimkien ma’ l-effetti mobili kollha ezistenti fl-istess dar mill-ghatba ‘l gewwa, inkluzi f’dan il-prelegat l-oggetti tad-deheb, hagar prezzjuz u flus kontanti;

2. Illi fl-istess testment, it-testaturi konjugi Baldacchino innominaw bhala eredi taghhom fil-kwota ta’ settima parti (1/7) kull wiehed lis-sitt uliedhom li ssopravivewhom u cioe’ l-atturi, il-konvenut Giuseppi Baldacchino, Carmela mart Angelo Zammit, Angela mart Alan Pichler u Mary mart Alfred Gatt, filwaqt illi hallew ir-rimanenti settima parti (1/7) liz-zewg konvenuti l-ohra Francesca mart Kenneth Bartolo u Sylvia mart Igino Xuereb;

3. Illi l-imsemmija Sinforiano u Vincenza konjugi Baldacchino mietu rispettivament fl-20 ta’ April 1986 - Dokument `B’ – u fit-30 ta’ Jannar 1991 – Dokument `C’;

4. Illi permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tad-29 ta’ Jannar 2001 – Dokument `D’ l-atturi gew immessi fil-pussess ta’ tlett settimi (3/7) indivizi tal-fuq imsemmi prelegat taghhom minn huthom Carmen mart Angelo Zammit, Angela mart Alan Pichler u Mary mart Alfred Gatt;

5. Illi, ghalhekk, l-atturi ghadhom ma gewx immessi fil-pussess tal-fuq imsemmi prelegat mill-konvenuti bhala proprjetarji tar-rimanenti zewg settimi (2/7) mill-imsemmi prelegat – billi iz-zewg settimi l-ohra jappartjenu lill-atturi `*de proprio’* bhala eredi ukoll tal-ugenituri taghhom – u

6. Ili l-atturi interpellaw lill-konvenuti kemm-il darba, anki ufficjalment, sabiex jimmittuhom fil-pussess ta' sehemhom mill-imsemmi prelegat izda baqghu inadempjenti u billi l-atturi jixtiequ illi l-posizzjoni taghhom bhala prelegatarji tkun ghal kollox legalizzata u sanata;

Ghalhekk, l-istess konvenuti talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna lill-istess konvenuti sabiex, ghal kull fini u effett tal-ligi, jimmittu fil-pussess lill-atturi fi kwoti ugwali bejniethom ta' sehemhom mill-prelegat tad-dar bir-remissa annessa u kantina numri 103 u 104 Main Street Gudja flimkien ma' l-effetti mobili kollha ezistenti fl-istess dar mill-ghatba 'l gewwa inkluzi l-oggetti tad-deheb, hagar prezzjuz u flus kontanti cioe' il-konvenut Giuseppi Baldacchino ghas-settima parti (1/7) indiviza tieghu u l-konvenuti l-ohra Francesca Bartolo u Sylvia Xuereb ghas-settima parti (1/7) indiviza l-ohra bejniethom;

2. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika il-kuntratt relattiv fil-jum, hin u lok li jigu stabbiliti mill-istess Qorti u kuraturi sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Ottubru 2000, tad-19 ta' Jannar 2001 u tal-ittri ufficjali tad-9 ta' Janna 2001 u tat-30 ta' Jannar 2001 kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Giuseppi Baldacchino u Francesca Bartolo li in forza taghha ecceppew:

1. Illi m'hemm u qatt ma kienx hemm oggezzjoni ghall-immissjoni fil-pussess kif indikat fic-citazzjoni *purche'* li jsir il-qsim tal-proprjetajiet u assi bejn il-kontendenti liema assi gejjin mill-wirt ta' Sinforjano Baldacchino u martu Vincenza nee' Cutajar;

2. Illi *di piu* giet iffirmata skrittura privata datata 24 ta’ Jannar, 2001 quddiem l-istess Nutar u Avukat li kienu qed iharsu l-interessi tal-atturi sabiex isir l-eventwali qsim tal-proprjeta’ u assi kollha bil-konsegwenza li fl-ahhar, l-istess qsim gie stultifikat tort mhux tal-esponenti, ghall-eventwali success tal-qsim;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuti Joseph Baldacchino u Francesca Bartolo li in forza taghha, wara li ppremettew:

1. Illi huma pprevalixxu ruhhom mill-proceduri istitwita mill-atturi nomine u ai termini tal-ligi qed jipprezentaw dina l-kontrotalba;

2. Illi huma proprjetarji indivizi ta’ assi gejjin mill-wirt ta’ Sinforjano u Vincenza nee’ Cutajar konjugi Baldacchino;

3. Illi hi x-xewqa tal-esponenti sabiex isir il-qsim tal-assi kollha u ma jridux jibqghu in komuni fil-proprjetajiet kollha rizultanti mill-wirt hawn fuq indikat;

4. Illi *di piu* tqabbad perit sabiex issir stima tal-assi kollha fuq l-insistenza tal-istess atturi liema qsim gie stultifikat minghajr raguni valida bil-konsegwenza li l-istess atturi huma biss interessati fl-immissjoni fil-pussess tal-proprjeta’ 103 u 104 Main Street, Gudja, u mhux fil-qsim tal-assi kollha;

5. Illi din qed isservi ta’ pregudizzju ghall-istess esponenti;

Ghalhekk jghidu l-atturi rikonvenzjonati:

1. Ghaliex m’ghandux ikun hemm il-qsim tal-propjeta’ rizultat mill-wirt ta’ Sinforjano u Vincenza konjugi Baldacchino sabiex ma jibqghux aktar in komuni;

2. Tinnomina perit ghal dan l-effett u skop;

3. Tinnomina nutar ghall-att tad-divizjoni sabiex jircievi l-att ta' divizjoni fid-data hin u lok li tiffissa din il-Qorti;

4. Tinnomina kuratur sabiex jirrapprezenta l-kontumacja;

Bl-ispejjez kif ukoll bis-subizzjoni tal-istess atturi Grace u Giovanna ahwa Baldacchino.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-atturi ghall-kontro-talba tal-imsemmija konvenuti li in forza taghha ecceppew:

1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuti ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra taghha stante illi l-istess kontro-talba ma setghetx issir fil-kaz prezenti peress illi l-wirt indikat fil-kontro-talba ghadu indiviz mhux biss bejn il-partijiet izda wkoll ma' Carmen mart Angelo Zammit, Angela mart Alan Pichler u Mary mart Alfred Gatt ilkoll assenti minn dawn il-Gzejjer u li ma jiffurmawx parti minn dawn il-proceduri;

2. Illi, ghal kull buon fini jigi rilevat illi:

a. Kemm fin-nota tal-eccezzjonijiet, il-konvenuta Francesca mart Kenneth Bartolo giet indikata bhala "Francesca mart Kenneth Baldacchino" filwaqt illi fid-dikjarazzjoni annessa maghha, fil-lista tax-xhieda, fil-kontro-talba, fid-dikjarazzjoni annessa maghha u fil-lista tax-xhieda annessa maghha din l-istess konvenuta giet indikata bhala "Francesca Bartolo mart Kenneth Baldacchino";

b. Ghalkemm in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti hija akkompanjata mid-dikjarazzjoni ta' tnejn mill-konvenuti biss, ad esklusjoni ta' Sylvia Xuereb – dina d-dikjarazzjoni ma gietx guramentata skond il-ligi – Art. 158 (4), (5) Kap. 12 – minn ebda wiehed/wahda mill-istess konvenuti u ghalhekk l-istess nota tal-eccezzjonijiet u

dikjarazzjoni hija nulla u ghandha tigi sfilzata mill-atti tal-kawza;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Sylvia Xuereb li in forza taghha ecceppiet:

1. Illi, hija qatt ma kellha l-ebda oggezzjoni ghall-immissjoni fil-pussess mitluba mill-atturi liema immissjoni fil-pussess kien propost li kellha ssir fil-kuntest tad-divizjoni tal-proprjetajiet u attivi provenjenti mill-eredita' ta' Sinforjano Baldacchino u martu Vincenza nee' Cutajar;

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti m'ghandha fl-beda kaz tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante illi hija qatt ma oggezzjonat ghall-qsim ta' l-eredita' u l-immissjoni fil-pussess u kienu ghal ragunijiet mhux imputabbli lill-istess eccipjenti li l-immissjoni fil-pussess mitluba ma sehhitx kif jigi ahjar pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li resqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-kontendenti huma kollha successuri ta' Sinforiano u Vincenza Baldacchino li mietu b'testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel tal-21 ta' Gunju, 1985, b'liema testment, it-testaturi, hallew b'titolu ta' prelegat in piena u assoluta proprjeta' liz-zewg atturi, fi kwoti ugwali bejniethom, id-dar

bir-remissa annessa u kantina li jgibu n-numri 103 u 104, Main Street, Gudja, flimkien ma’ l-effetti mobili kollha ezistenti fl-istess dar mill-ghatba ‘l gewwa, inkluzi f’dan il-prelegat l-oggetti tad-deheb, hagar prezzjuz u flus kontanti. It-testaturi Sinforiano u Vincenza Baldacchino mietu rispettivament fl-20 ta’ April, 1986, u fit-30 ta’ Jannar, 1991. Il-konvenuti huma whud mill-eredi tat-testaturi, flimkien mal-atturi, u flimkien ma’ Carmen Zammit, Angela Pichler u Mary Gatt. Fil-fatt, fit-testment indikat gew nominati eredi fi kwota ta’ settima parti kull wiehed l-ahwa Grace, Giovanna, Giuseppi, Carmen Zammit, Angela Pichler u Mary Gatt, ahwa Baldacchino, fil-waqt li s-settima parti l-ohra thalliet lil Francesca Bartolo u Sylvia Xuereb flimkien.

Wara l-mewt tal-genituri, il-kontendenti ippruvaw jersqu ghal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt, pero’, ma ftehmux u l-wirt baqa’ indiviz. Fil-frattemp, l-atturi talbu li jinghataw pussess tal-prelegat imholli lilhom u, fil-fatt, l-ahwa Carmen Zammit, Angela Pichler u  Mary Gatt resqu ghall-pubblikazzjoni ta’ l-att relattiv u b’kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino tad-29 ta’ Jannar, 2001, dawn it-tlieta debitament immettew lill-atturi fil-pussess ta’ tlett settimi indivizi tal-fuq imsemmi prelegat. Il-konvenuti l-ohra, li bejniethom akkwistaw zewg settimi tal-imsemmija proprieta’, naqsu li jimmettu lill-atturi fil-pussess ta’ sehemhom tal-fuq imsemmi prelegat. Dawn il-konvenuti mhux qed jopponu t-testment, u mhux qed jichdu lill-atturi mill-prelegat, izda qed jinsistu li din l-immissjoni fil-pussess issir flimkien ma u fil-kuntest tad-divizjoni tal-assi tal-genituri, u qed jargumentaw illi la darba l-wirt ghadu indiviz, l-immissjoni tal-pussess tal-prelegat ghandu wkoll jigi pospost biex kollox isir f’daqqa. Fil-fatt, il-konvenuti Joseph Baldacchino u Francesca Bartolo resqu kontro-talba fejn qed jitolbu l-qsim tal-assi kollha appartenenti lill-wirt ta’ Sinforjano u Vincenza Baldacchino. Ghal din il-kontro-talba, l-atturi opponew preliminarjament in-nullita’ taghha peress li talba ghal-likwidazzjoni u divizjoni ta’ wirt trid issir fil-konfront tal-werrieta kollha, fil-waqt li f’din il-kawza, hemm tlett werrieta (Carmen Zammit, Angelo Pichler u Mary Gatt), li ma jiffurmawx parti mill-proceduri u, fil-fatt, huma assenti minn dawn il-gzejjer.

Fuq dan il-punt din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-argument tal-atturi. Kawza ta' likwidazzjoni u qsim ta' wirt hija wahda "*familiae ercisundae"*, u bhala tali mhux biss ghandha tikkomprendi l-assi kollha li jkunu posseduti indivisament (ara "Chircop vs Calleja", deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-12 ta' Novembru, 1951), izda jridu jippartecipaw fil-kawza l-partijiet kollha interessati, u ma tistax issir kawza ghad-divizjoni ta' proprjeta' in komun, jekk il-kompartecipanti kollha ma jkunux parti f'din l-istess kawza. Jekk, bhal f'dan il-kaz, l-isthma huma sebgha, il-partijiet kollha li jikkomprendu dawk l-isthma jridu jkunu prezenti f'gudizzju ghall-qasma, u meta, f'dan il-kaz, hemm tlett isthma nieqsa - peress li ma kienux legittimi kontraditturi ghall-azzjoni partikolari tentata mill-atturi – id-divizjoni ma tistax issir.

Punt simili kien gie deciz minn din il-Qorti f'sentenza preliminari li tat fit-3 ta' Mejju, 2000, fil-kawza "Apap vs Cacciatolo et". F'dik il-kawza, l-attrici talbet l-assenjazzjoni tal-legittima lilha spettanti, u l-konvenuta ohtha, filwaqt li ma opponietx din it-talba, resqet kontro-talba biex jigi likwidat u mhallas lilha kumpens ghas-servigi minnha resi lil ommha. Din il-Qorti, bid-decizjoni fuq indikata, kienet iddikjarat nulla l-kontro-talba ghax ma kinitx tressqet fil-konfront tal-eredi kollha (u dan peress li l-"kontroparti" tal-kontro-talba hija biss l-attrici, u l-eredi l-ohra, li kienu konvenuti wkoll, ma setghux jigu kkundannati versu l-konvenuta rikonvenjenti). Minn dan issegwi, li kwistjoni li tinvolvi xi materja tal-wirt, trid issir fil-konfront tal-partijiet kollha interessati, u min ikun fuq in-naha l-ohra tal-kamp attur, irid jitpogga bhala legittimu kontradittur tal-azjoni, u jekk mhux il-partijiet kollha jkunu kontroparti, dik l-azzjoni ma tkunx tista' tirnexxi.

Ghalhekk, din il-Qorti, sejra tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-atturi ghall-kontro-talba tal-konvenuti Giuseppe Baldacchino u Francesca Bartolo, u tiddikjara l-kontro-talba inattendibbli u kwindi nulla.

Ghar-rigward tat-talbiet tal-atturi, kif inghad, il-konvenuti ma resqu ebda argument legali biex jopponu dawn it-

talbiet. Il-fatt li l-partijiet ma ftehmux kif jaqsmu l-wirt, ma jfissirx li, allura, il-prelegatorji ghandhom jigu mcahda mill-pussess tal-prelegat. Ma jirrizultax li l-atturi rabtu l-immissjoni fil-pussess ma qbil ghad-divizjoni. F'ebda stadju ma rrinunzjaw ghal dan id-dritt, ghalkemm damu ma nvokawh ghax ma kienux jafu bil-htiega li jsir kuntratt ta' immissjoni fil-pussess. Darba, pero', li dan id-dritt gie invokat, kellu jigi koncess, u ma kellux jintrabat ma qbil fuq divizjoni tal-wirt. Anke jekk ghandu jirrizulta li d-divizjoni tal-assi ma setghetx issir bonarjament minhabba intransigenza tal-prelegaturi, dan jista' jinfluenza l-*capo spese* f'azzjoni li ssir ghall-qasma, izda m'ghandha jkollha ebda effett fuq id-dritt taghhom li jitqieghdu fil-pussess tal-prelegat. B'dan, mhux qed jinghad li l-qasma ma saritx minhabba xi nuqqas attribwibbli lill-atturi; dan f'din il-kawza, ma jirrizultax u lanqas ma hu rilevanti. Jekk il-konvenut qed isib xi problemi biex jaqsam il-wirt, il-ligi taghtih ir-rimedji kollha necessarji, u jekk, fil-kawza li jressaq ghall-qasma, jirrizulta li kompartecipi jkun, bla raguni, ostakola l-qasma bejn il-kondividenti, dak il-werriet jista' anke jkun imgieghel jissapporti l-parti l-kbira mill-ispejjez tal-kawza, jekk mhux kollha; il-kondivident li jrid jaqsam, pero', ma jistax jiehu l-ligi b'idejh u jirrikatta l-prelegatarji li jekk ma ssirx qasma bonarja tal-wirt, huwa ma jiffirmax l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat. Dan hu agir li ma jista' qatt ikun permess milli l-ligi, u huwa agir li jimmerita kundanna ulterjuri ghall-konvenuti. Fil-fatt l-artikolu 10 tat-Tariffa A tal-iskeda A annessa mal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), jaghti fakolta' lill-Qorti tordna l-hlas ta' spejjez addizzjonali ta' mhux anqas minn Lm250 u mhux izjed minn Lm1000, jekk jirrizulta li l-att tal-procedura b'risposta da parti tal-konvenut tkun fiergha jew vessatorja, jew jekk ikun tawwal il-proceduri minghajr bzonn. Fil-fehma tal-Qorti, l-eccezzjoni tal-konvenuti Baldacchino u Bartolo, mizjuda mal-atteggjament taghhom tul is-smiegh tal-kawza, kienet wahda vessatorja u ma kienet isservi ghal xejn hlief biex ittawwal il-procedura bla bzonn. Ghalhekk, dan hu kaz li jimmerita l-imposizzjoni ta' dawn il-hlasijiet addizzjonali.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza, billi, fl-ewwel lok tiddikjara nulla u

inattendibbli l-kontro-talba imressqa mill-konvenuti Giuseppi Baldacchino u Francesca Bartolo u tillibera lill-atturi mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha relattivi jithallsu mill-istess zewg konvenuti; fit-tieni lok billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet tal-atturi kif dedotti, u tahtar lin-Nutar Dottor Paul Pullicino biex jippubblika l-kuntratt relattiv ta' immissjoni fil-pussess, lill-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala kuratur sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess att, u tordna li l-att relattiv jigi ppubblikat fl-edificcju tal-Qrati Superjuri, gewwa l-Belt Valletta nhar il-Gimgha, 1 ta' Awissu, 2003, fil-hdax ta' filghodu (11.00a.m.).

L-ispejjez tal-kawza relattivi ghal kontro-talba jithallsu, kif inghad, mill-konvenuti Giuseppi Baldacchino u Francesca Xuereb, filwaqt li l-ispejjez l-ohra kollha jithallsu mit-tlett konvenuti *in solidum* bejniethom. A tenur tal-artikolu 10 ta' Tariffa A ta' Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq iz-zewg konvenuti Giuseppi Baldacchino u Francesca Bartolo *in solidum* bejniethom spiza addizzjonali, ghal darba biss, ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (LM250) pagabbli lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------